MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 193/2012

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Ramona Camilleri (K.I. 75090M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu gie premess illi l-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici, s-somma ta' elf u mitejn ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1200.42) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40145471), u li jinkludi telefown 21580622, servizz ta' televisjoni 1425100019, u servizz ta' ADSL, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 20 t'April, 2010; illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni. Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fit- 12 ta’ Novembru, 2012 mill- Prokuratur Legali Noel Scerri w l-fatt li li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova ‘l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf u mitejn ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1200.42) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------